DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1002

tal-21 ta' Ġunju 2021

li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposti mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK.

(2) Fid-9 ta' Awwissu 2020, il-Belarussja wettqet elezzjonijiet presidenzjali, li nstab li kienu inkonsistenti mal-istandards internazzjonali u li kienu mxekkla mir-repressjoni ta' kandidati indipendenti u repressjoni brutali fuq dimostranti paċifiċi wara dawk l-elezzjonijiet. Fil-11 ta' Awwissu 2020, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li tqis li l-elezzjonijiet la kienu liberi u lanqas ma kienu ġusti. Ġie ddikjarat ukoll li setgħu jittieħdu miżuri kontra dawk responsabbli għall-vjolenza, l-arresti mhux ġustifikati u l-falsifikazzjoni tar-riżultati tal-elezzjoni.

(3) Fit-2 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2020/1388 ([2]) li ddeżinjat 40 persuna identifikati bħala responsabbli għar-repressjoni u l-intimidazzjoni ta' dimostranti paċifiċi, membri tal-oppożizzjoni u ġurnalisti wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja, kif ukoll għat-tmexxija ħażina tal-proċess elettorali għal dawk l-elezzjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali.

(4) Fis-6 ta' Novembru 2020, fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fil-Belarussja, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2020/1650 ([3]), li ddeżinjat lil Aliaksandr Lukashenka u 14-il persuna oħra, fosthom persuni qrib ħafna tiegħu.

(5) Fis-17 ta' Diċembru 2020, fid-dawl tar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2020/2130 ([4]), li ddeżinjat 29 persuna u 7 entitajiet.

(6) Minħabba l-eskalazzjoni tal-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, u r-repressjoni vjolenti tas-soċjetà ċivili, l-oppożizzjoni demokratika u l-ġurnalisti kif ukoll ta' persuni li jagħmlu parti minn minoritajiet nazzjonali, jenħtieġ li jiġu adottati deżinjazzjonijiet addizzjonali ta' persuni u entitajiet.

(7) Fl-24 u l-25 ta' Mejju 2021, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li fihom ikkundanna bil-qawwa l-inżul furzat tat-titjira tar-Ryanair f'Minsk, il-Belarussja, fit-23 ta' Mejju 2021 li pperikola s-sikurezza tal-avjazzjoni, u d-detenzjoni mill-awtoritajiet Belarussi tal-ġurnalist Raman Pratasevich u Sofia Sapega. Huwa appella lill-Kunsill biex jadotta elenkar addizzjonali ta' persuni u entitajiet mill-aktar fis possibbli abbażi tal-qafas ta' sanzjonijiet rilevanti.

(8) Għalhekk jenħtieġ li 78 persuna u 7 entitajiet jinżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK,

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1388 tat-2 ta' Ottubru 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja (ĠU L 319I , 2.10.2020, p. 13).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1650 tas-6 ta' Novembru 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja (ĠU L 370I , 6.11.2020, p. 9).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2130 tas-17 ta' Diċembru 2020 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja (ĠU L 426I, 17.12.2020, p. 14).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

L-Anness għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) il-persuni fiżiċi li ġejjin jiżdiedu fit-tabella "A. Persuni msemmijin fl-Artikoli 3(1) u 4(1)":

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	**Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)**	**Informazzjoni ta' identifikazzjoni**	**Raġunijiet għall-elenkar**	**Data tal-elenkar**
"89.	Natallia Mikhailauna BUHUK Natalia Mikhailovna BUGUK	Наталля Міхайлаўна БУГУК Наталья Михайловна БУГУК	Imħallef tal-qorti tad-distrett ta' Fruzensky f'Minsk Data tat-twelid: 19.12.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Natallia Buhuk hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
90.	Alina Siarhieeuna KASIANCHYK Alina Sergeevna KASYANCHYK	Аліна Сяргееўна КАСЬЯНЧЫК Алина Сергеевна КАСЬЯНЧИК	Assistent Prosekutur tal-Qorti tad-Distrett ta' Fruzensky f'Minsk Data tat-twelid: 12.03.1998 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala assistent prosekutur fil-Qorti tad-Distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Alina Kasianchyk irrappreżentat ir-reġim ta' Lukashenka f'kawżi politikament motivati kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti. B'mod partikolari, hija ħarrket lill-ġurnalisti Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova talli rreġistraw protesti paċifiċi, fuq l-akkużi bla bażi ta' "reat ta' assoċjazzjoni" u "ksur tal-ordni pubbliku". Hija ħarrket ukoll membri tas-soċjetà ċivili Belarussa eż. talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi, u sellmu lid-dimostrant maqtul Aliaksandr Taraikousky. Hija kontinwament talbet lill-imħallef għal sentenzi ta' ħabs fit-tul. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
91.	Ihar Viktaravich KURYLOVICH Igor Viktorovich KURILOVICH	Ігар Віктаравіч КУРЫЛОВІЧ, Игорь Викторович КУРИЛОВИЧ	Investigatur Għoli tad-Dipartiment Distrettwali ta' Frunzensky tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 26.09.1990 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Investigatur Għoli tal-Qorti tad-Distrett ta' Fruzensky f'Minsk, Ihar Kurylovich kien involut fit-tħejjija ta' kawża kriminali politikament motivata kontra l-ġurnalisti Katsiaryna Bakhvalava (Andreyeva) u Darya Chultsova. Il-ġurnalisti, li rreġistraw protesti paċifiċi, ġew akkużati bi ksur tal-ordni pubbliku u ngħataw sentenza ta' sentejn ħabs. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
92.	Siarhei Viktaravich SHATSILA Sergei Viktorovich SHATILO	Сяргей Віктаравіч ШАЦІЛА Сергей Викторович ШАТИЛО	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk Data tat-twelid: 13.08.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk, Siarhei Shatsila huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Natallia Hersche, Dzmitry Halko u Dzmitry Karatkevich, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa favur id-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
93.	Anastasia Vasileuna ACHALAVA Anastasia Vasilievna ACHALOVA	Анастасія Васільеўна АЧАЛАВА Анастасия Васильевна АЧАЛОВА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk Data tat-twelid: 15.10.1992 Post tat-twelid: Minsk, Belarussja Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk, Anastasia Achalava hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-membru tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni Dzmitry Kruk, kif ukoll kontra persunal mediku u ċittadini anzjani. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' dipendenza fuq dikjarazzjonijiet minn xhieda anonimi. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
94.	Mariya Viachaslavauna YAROKHINA Maria Viacheslavovna YEROKHINA	Марыя Вячаславаўна ЯРОХІНА Мария Вячеславовна ЕРОХИНА	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk Data tat-twelid: 04.07.1987 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk, Mariya Yerokhina hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti tat-trade unions, sportivi u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-ġurnalist Uladzimir Hrydzin. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	**Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)**	**Informazzjoni ta' identifikazzjoni**	**Raġunijiet għall-elenkar**	**Data tal-elenkar**
95.	Yuliya Aliaksandrauna BLIZNIUK Yuliya Aleksandrovna BLIZNIUK	Юлія Аляксандраўна БЛІЗНЮК Юлия Александровна БЛИЗНЮК	Viċi President/imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk Data tat-twelid: 23.09.1971 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Viċi President u mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Frunzensky f'Minsk, Yuliya Blizniuk hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-attivisti Artsiom Khvashcheuski, Artsiom Sauchuk, Maksim Pauliushchyk. Dawn il-persuni huma meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
96.	Anastasia Dzmitreuna KULIK Anastasia Dmitrievna KULIK	Анастасія Дзмітрыеўна КУЛІК Анастасия Дмитриевна КУЛИК	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk Data tat-twelid: 28.07.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk, Anastasia Kulik hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari għas-sentenzjar ta' Aliaksandr Zakharevich, meqjus priġunier politiku minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
97.	Maksim Leanidavich TRUSEVICH Maksim Leonidovich TRUSEVICH	Максім Леанідавіч ТРУСЕВІЧ Максим Леонидович ТРУСЕВИЧ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk Data tat-twelid: 12.08.1989 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk, Maksim Trusevich huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
98.	Tatsiana Yaraslavauna MATYL Tatiana Yaroslavovna MOTYL	Таццяна Яраславаўна МАТЫЛЬ Татьяна Ярославовна МОТЫЛЬ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Moskovsky f'Minsk Data tat-twelid: 20.01.1968 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef fil-Qorti tad-Distrett ta' Moskovsky f'Minsk, Tatsiana Matyl hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra ġurnalisti, mexxejja tal-oppożizzjoni, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari għas-sentenzjar tal-politiku tal-oppożizzjoni Mikalai Statkevich u l-ġurnalist Alexander Borozenko. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
99.	Aliaksandr Anatolevich RUDZENKA Aleksandr Anatolevich RUDENKO	Аляксандр Анатольевіч РУДЗЕНКА Александр Анатольевич РУДЕНКО	Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 01.12.1981 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President u mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, Aliaksandr Rudzenka huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra ġurnalisti, attivisti u dimostranti, b'mod partikolari l-immultar ta' dimostrant anzjan u b'diżabbiltà, kif ukoll is-sentenzjar ta' Lyudmila Kazak – l-avukat ta' Mariya Kalesnikava, mexxej tal-oppożizzjoni tal-Belarussja. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
100.	Aliaksandr Aliaksandravich VOUK Aleksandr Aleksandrovich VOLK	Аляксандр Аляксандравіч ВОЎК Александр Александрович ВОЛК	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk Data tat-twelid: 01.08.1979 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Sovetsky f'Minsk, Aliaksandr Vouk huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari s-sentenzjar tal-aħwa Anastasia u Victoria Mirontsev, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tiegħu, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt ta' proċess ġust. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
101.	Volha Siarheeuna NIABORSKAIA Olga Sergeevna NEBORSKAIA	Вольга Сяргееўна НЯБОРСКАЯ Ольга Сергеевна НЕБОРСКАЯ	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk Data tat-twelid: 14.02.1991 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala mħallef tal-qorti tad-distrett ta' Oktyabrsky f'Minsk, Volha Niaborskaya hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet motivati politikament kontra dimostranti paċifiċi u ġurnalisti, b'mod partikolari s-sentenzjar ta' Sofia Malashevich u Tikhon Kliukach, meqjusa priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa favur id-drittijiet tal-bniedem. Waqt proċessi mwettqa taħt is-superviżjoni tagħha, kien hemm rapporti ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
102.	Marina Sviataslavauna ZAPASNIK Marina Sviatoslavovna ZAPASNIK	Марына Святаславаўна ЗАПАСНІК Марина Святославовна ЗАПАСНИК	Viċi President tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk Data tat-twelid: 28.03.1982 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala Viċi President u mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky f'Minsk, Marina Zapasnik hija responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari is-sentenzjar tal-attivisti Vladislav Zenevich, Olga Pavlova, Olga Klaskovskaya, Viktar Barushka, Sergey Ratkevich, Aleksey Charvinskiy, Andrey Khrenkov, l-istudent Viktor Aktistov, u l-minorenni Maksim Babich. Kollha huma rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk hija responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għal kontribut lejn ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
103.	Maxim Yurevich FILATAU Maxim Yurevich FILATOV	Максім Юр'евіч Філатаў Максим Юрьевич ФИЛАТОВ	Imħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Lida Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tal-Belt ta' Lida, Maksim Filatau huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari s-sentenzjar tal-attivist Vitold Ashurok, li huwa rikonoxxut bħala priġunier politiku minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa favur id-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
104.	Andrei Vaclavavich HRUSHKO Andrei Vatslavovich GRUSHKO	Андрэй Вацлававіч ГРУШКО Андрей Вацлавович ГРУШКО	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest Data tat-twelid: 24.01.1979 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Leninsky ta' Brest, Andrei Hrushko huwa responsabbli għal bosta deċiżjonijiet politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, b'mod partikolari bis-sentenzjar ta' attivisti, rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi, u ta' minorenni. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
105.	Dzmitry Iurevich HARA Dmitry Iurevich GORA	Дзмітрый Юр'евіч ГАРА Дмитрий Юрьевич ГОРА	President tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja (maħtur fil-11 ta' Marzu 2021) Eks Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja (sal-11 ta' Marzu 2021) Data tat-twelid: 04.05.1970 Post tat-twelid: Tbilisi, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Georgia) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali sa Marzu 2021, Dzmitry Hara jġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra dimostranti paċifiċi, membri tal-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Is-Sur Gora kien involut ukoll fit-tnedija ta' proċedimenti kriminali politikament motivati kontra Siarhei Tsikhanousky – attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidat presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya. Bħala l-Kap tal-Kummissjoni Intergovernattiva maħluqa mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali biex jiġu investigati l-ilmenti taċ-ċittadini dwar l-abbuż ta' poter minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, Dzmitry Hara huwa responsabbli għan-nuqqas ta' azzjoni ta' din l-istituzzjoni, peress li mhuwa magħruf ebda każ ta' tali investigazzjoni, minkejja applikazzjonijiet għall-ftuħ ta' kawżi kriminali li jilmentaw l-użu tal-vjolenza, it-trattament ħażin u t-tortura. Minn Marzu 2021, huwa l-President tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja. F'din il-pożizzjoni huwa responsabbli għall-prosekuzzjoni ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u parteċipanti fi protesti paċifiċi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika	21.6.2021
106.	Aliaksei Kanstantsinavich STUK Alexey Konstantinovich STUK	Аляксей Канстанцінавіч СТУК Алексей Константинович СТУК	Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja Data tat-twelid: 1959 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali, Aliaksei Stuk iġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra l-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Huwa responsabbli għall-issikkar tal-kontroll mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-attivitajiet taċ-ċittadini fil-lokalitajiet u fil-postijiet tax-xogħol u huwa responsabbli għall-applikazzjoni ta' responsabbiltajiet legali eċċessivi fuq parteċipanti fi protesti paċifiċi. Huwa qal pubblikament li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali ser jaħdem biex jidentifika assoċjazzjonijiet "illegali" taċ-ċittadini u jrażżan l-attivitajiet tagħhom. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
107.	Genadz Iosifavich DYSKO Gennadi Iosifovich DYSKO	Генадзь Іосіфавіч ДЫСКО Геннадий Иосифович ДЫСКО	Viċi Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Belarussja, Konsulent tal-Istat għall-Ġustizzja tat-tielet klassi Data tat-twelid: 22.03.1964 Post tat-twelid: Oshmyany, reġjun ta' Hrodna, (eks Unjoni Sovjetika) illum il-Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Prosekutur Ġenerali, Genadz Dysko jġorr ir-responsabbiltà għal kawżi kriminali politikament motivati kontra l-oppożizzjoni, ġurnalisti, is-soċjetà ċivili u ċittadini regolari. Huwa kien involut ukoll fit-tnedija ta' proċedimenti kriminali politikament motivati kontra Siarhei Tsikhanousky - attivist tal-oppożizzjoni u r-raġel tal-kandidata presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u d-dgħajfien serju tal-istat tad-dritt, kif ukoll ir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
108.	Sviatlana, Anatoleuna LYUBETSKAYA Svetlana Anatolevna LYUBETSKAYA	Святлана Анатольеўна ЛЮБЕЦКАЯ Светлана Анатольевна ЛЮБЕЦКАЯ	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 03.06.1971 Post tat-twelid: eks Unjoni Sovjetika (illum l-Ukrajna) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha bħala President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Sviatlana Lyubetskaya hija responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż għat-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	21.6.2021
109.	Aliaksei Uladzimiravich IAHORAU Alexei Vladimirovich YEGOROV	Аляксей Уладзіміравіч ЯГОРАЎ Алексей Владимирович ЕГОРОВ	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, Viċi President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 16.12.1969 Post tat-twelid: Novosokolniki, reġjun ta' Pskov, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Federazzjoni Russa) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Aliaksei Iahorau huwa responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż għat-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, huwa responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
110.	Aliaksandr Paulavich AMELIANIUK Aleksandr Pavlovich OMELYANYUK	Аляксандр Паўлавіч АМЕЛЬЯНЮК Александр Павлович ОМЕЛЬЯНЮК	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, Viċi President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 06.03.1964 Post tat-twelid: Kobrin, Reġjun/Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Aliaksandr Amelianiuk huwa responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż it-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġiżlattivi, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġiżlattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja.	21.6.2021
111.	Andrei Mikalaevich MUKAVOZCHYK Andrei Nikolaevich MUKOVOZCHYK	Андрэй Мікалаевіч МУКАВОЗЧЫК Андрей Николаевич МУКОВОЗЧИК	Osservatur politiku ta' "Belarus Today" ("Sovietskaia Belarus - Belarus Segodnya") Data tat-twelid: 13.06.1963 Post tat-twelid: Novosibirsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Federazzjoni Russa) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport: MP 3413113 u MP 2387911	Andrei Mukavozchyk huwa wieħed mill-propagandisti ewlenin tar-reġim ta' Lukashenka li jippubblika f'"Belarus Today", il-gazzetta uffiċjali tal-Amministrazzjoni Presidenzjali. Fl-artikli tiegħu, l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili jiġu sistematikament deskritti b'mod negattiv u derogatorju, bl-użu ta' informazzjoni falsifikata. Hu wieħed mill-għejun prinċipali tal-propaganda tal-istat, li tappoġġa u tiġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili. F'Mejju 2020, Mukavozchyk ingħata l-premju tal-"Pinna tad-Deheb" minn organizzazzjoni favur il-gvern il-Union Belarussa tal-Ġurnalisti. F'Diċembru 2020, ingħata l-premju "Ittra tad-Deheb", mingħand ir-rappreżentanti tal-Ministeru għall-Informazzjoni tal-Belarussja. F'Jannar 2021, Lukashenka ffirma digriet fejn ta midalja lil Mukavozchyk "Għal merti ta' xogħol". Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
112.	Siarhei Aliaksandravich GUSACHENKA Sergey Alexandrovich GUSACHENKO	Сяргей Аляксандравіч ГУСАЧЭНКА Сергей Александрович ГУСАЧЕНКО	Viċi President tal-Kumpannija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat(Belteleradio Company) Data tat-twelid: 05.11.1983 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Nru tat-telefon tal-uffiċċju: (+375-17) 369 90 15	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Viċi President ta' Belteleradiocompany, it-Televiżjoni tal-Istat, awtur u preżentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda ta' kull ġimgħa "Glavnyy efir", Siarhei Gusachenka qiegħed intenzjonalment jipprovdi lill-pubbliku Belarussu informazzjoni falza dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet, il-protesti u r-repressjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet statali. Huwa direttament responsabbli għall-mod li bih it-Televiżjoni tal-Istat tippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
113.	Genadz Branislavavich DAVYDZKA Gennadi Bronislavovich DAVYDKO	Генадзь Браніслававіч ДАВЫДЗЬКА Геннадий Брониславович ДАВЫДЬКО	Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti, President tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Media President tal-organizzazzjoni politika Belarussa Belaya Rus Data tat-twelid: 29.09.1955 Post tat-twelid: villaġġ ta' Popovka, Senno/Sjanno, Reġjun ta' Vitebsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Passaport MP2156098	Bħala l-President ta' Belaya Rus, organizzazzjoni ewlenija favur Lukashenka, Genadz Davydzka huwa wieħed mill-propagandisti prinċipali tar-reġim. Fl-appoġġ tiegħu għal Lukashenka, sikwit juża lingwaġġ xewwiexi, u ħeġġeġ il-vjolenza tal-apparat tal-istat fuq dimostranti paċifiċi. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
114.	Volha Mikalaeuna CHAMADANAVA Olga Nikolaevna CHEMODANOVA	Вольга Мікалаеўна ЧАМАДАНАВА Ольга Николаевна ЧЕМОДАНОВА	Segretarju tal-Istampa tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja Data tat-twelid: 13.10.1977 Post tat-twelid: reġjun ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa Grad: Kurunell Passaport: MC1405076	Billi hija l-persuna ewlenija għall-media tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni tal-Belarussja, Volha Chamadanava għandha rwol ewlieni fit-tgħawwiġ ta', u d-devjazzjoni tal-attenzjoni mill-fatti tal-vjolenza kontra d-dimostranti, kif ukoll fit-tixrid ta' informazzjoni falza dwarhom. Hija heddet lid-dimostranti paċifiċi u tkompli tiġġustifika l-vjolenza kontrihom. Peress li hija parti mill-apparat tas-sigurtà u titkellem f'ismu, hija għaldaqstant qed tappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
115.	Siarhei Ivanavich SKRYBA Sergei Ivanovich SKRIBA	Сяргей Іванавіч СКРЫБА Сергей Иванович СКРИБА	Viċi Kanċillier tal-Università Ekonomika Statali Belarussa għall-Ħidma Edukattiva Data tat-twelid: 21.11.1964 / 1965 Post tat-twelid: Kletsk, Reġjun ta' Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Indirizz elettroniku: skriba_s@bseu.by	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kanċillier tal-Università Ekonomika Statali Belarussa (BSEU) għall-ħidma edukattiva, Siarhei Skryba hu responsabbli għas-sanzjonijiet li ttieħdu kontra studenti għas-sehem tagħhom fi protesti paċifiċi, inkluż it-tkeċċija tagħhom mill-università. Xi wħud minn dawn is-sanzjonijiet ittieħdu wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
116.	Siarhei Piatrovich, RUBNIKOVICH Sergei Petrovich RUBNIKOVICH	Сяргей Пятровіч РУБНІКОВІЧ Сергей Петрович РУБНИКОВИЧ	Rettur tal-Università Medika Statali Belarussa Data tat-twelid: 1974 Post tat-twelid: Sharkauschyna, Reġjun/Oblast ta' Vitebsk/ Viciebsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala r-Rettur tal-Università Medika Statali Belarussa, li l-ħatra tiegħu ġiet approvata minn Alexander Lukashenka, Siarhei Rubnikovich huwa responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Università li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija ngħataw wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
117.	Aliaksandr Henadzevich BAKHANOVICH Aleksandr Gennadevich BAKHANOVICH	Аляксандр Генадзевіч БАХАНОВІЧ Александр Геннадьевич БАХАНОВИЧ	Rettur tal-Università Teknika Statali ta' Brest Data tat-twelid: 1972 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala r-Rettur tal-Università Teknika Statali ta' Brest, li l-ħatra tiegħu ġiet approvata minn Alexander Lukashenka, Aliaksandr Bakhanovich huwa responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Università li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija ngħataw wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Bakhanovich hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
118.	Mikhail Ryhoravich BARAZNA Mikhail Grigorevich BOROZNA	Міхаіл Рыгоравіч БАРАЗНА Михаил Григорьевич БОРОЗНА	Rettur tal-Akkademja tal-Arti Statali Belarussa (BSAA) Data tat-twelid: 20.11.1962 Post tat-twelid: Rakusheva, Reġjun/ Oblast ta' Mahileu/ Mogiliev, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala r-Rettur tal-Akkademja tal-Arti Statali Belarussa (BSAA), Mikhail Barazna huwa responsabbli għad-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Universita li tkeċċi lil studenti talli ħadu sehem fi protesti paċifiċi. L-ordnijiet ta' tkeċċija ngħataw wara s-sejħa ta' Lukashenka fis-27 ta' Ottubru 2020 biex jitkeċċew mill-universitajiet l-istudenti li kienu qed jieħdu sehem fi protesti u strajks. Mikhail Barazna hu għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
119.	Maxim Uladzimiravich RYZHANKOU Maxim Vladimirovich RYZHENKOV	Максім Уладзіміравіч РЫЖАНКОЎ Максим Владимирович РЫЖЕНКОВ	L-Ewwel Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali Data tat-twelid: 19.06.1972 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali, Maxim Ryzhankou huwa assoċjat mill-qrib mal-President u responsabbli milli tiġi żgurata l-implimentazzjoni tas-setgħat presidenzjali fil-qasam tal-politika domestika u barranija. Għal aktar minn 20 sena tal-karriera tiegħu fis-servizz ċivili tal-Belarussja huwa kellu għadd ta' karigi, fosthom fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u diversi ambaxxati. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
120.	Dzmitry Aliaksandravich LUKASHENKA Dmitry Aleksandrovich LUKASHENKO	Дзмітрый Аляксандравіч ЛУКАШЭНКА Дмитрий Александрович ЛУКАШЕНКО	Negozjant, president tal-Klabb Sportiv tal-President Data tat-twelid: 23.03.1980 Post tat-twelid: Mogilev/Mahiliou eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Dzmitry Lukashenka huwa iben Aliaksandr Lukashenka u negozjant. Ilu president tal-Assoċjazzjoni Statali-Pubblika l-"Klabb Sportiv Presidenzjali" mill-2005 u fl-2020 reġà ġie elett f'din il-kariga. Permezz ta' din l-entità, huwa jagħmel negozju u jikkontrolla għadd ta' intrapriżi. Kien preżenti għall-inawgurazzjoni sigrieta ta' Aliaksandr Lukashenka f'Settembru 2020. Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
121.	Liliya Valereuna LUKASHENKA (SIAMASHKA) Liliya Valerevna LUKASHENKO (SEMASHKO)	Лілія Валер'еўна ЛУКАШЭНКА (СЯМАШКА) Лилия Валерьевна ЛУКАШЕНКО (СЕМАШКО)	Negozjant, direttur ta' gallerija tal-arti Data tat-twelid: 1978 jew 1979 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Liliya Lukashenka hija mart Viktar Lukashenka u bint tar-rispett ta' Aliaksandr Lukashenka. Hija kienet marbuta mill-qrib ma' għadd ta' kumpanniji ta' profil għoli, li bbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka, fosthom Dana Holdings / Dana Astra, Belkhudozhpromysly concern u Eastleigh trading Ltd. Kienet preżenti, flimkien ma' żewġha Viktar Lukashenka, għall-inawgurazzjoni sigrieta ta' Aliaksandr Lukashenka f'Settembru 2020. Għaldaqstant qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah	21.6.2021
122.	Valeri Valerevich IVANKOVICH Valery Valerevich IVANKOVICH	Валерый Валер'евіч ІВАНКОВІЧ Валерий Валерьевич ИВАНКОВИЧ	Direttur Ġenerali ta' OJSC "MAZ". Data tat-twelid: 1971 Post tat-twelid: Novopolotsk, Repubblika Sovjetika Soċjalista Belarussa (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala d-Direttur Ġenerali ta' OJSC "MAZ", Valeri Ivankavich iġorr responsabbiltà għad-detenzjoni ta' ħaddiema tal-MAZ fil-bini tal-MAZ mill-forzi tas-sigurtà, u għat-tkeċċija mix-xogħol ta' impjegati tal-MAZ li kienu qed jieħdu sehem fi protesti paċifiċi kontra r-reġim. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili. Huwa naħatar minn Lukashenka bħala membru tal-kummissjoni bil-kompitu li tabbozza emendi għall-kostituzzjoni tal-Belarussja. Għaldaqstant hu jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
123.	Aliaksandr Yauhenavich SHATROU Alexander (Alexandr) Evgenevich SHATROV	Аляксандр Яўгенавіч ШАТРОЎ Александр Евгеньевич ШАТРОВ	Negozjat, Sid u Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' LLC Synesis Data tat-twelid: Post tat-twelid: Unjoni Sovjetika (illum il-Federazzjoni Russa) Sess: raġel Nazzjonalità: Russa, Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-uffiċjal kap eżekuttiv u s-sid ta' LLC Synesis, Alexander Shatrov huwa responsabbli għad-deċiżjoni ta' din il-kumpannija li tipprovdi lill-awtoritajiet Belarussi pjattaforma ta' sorveljanza, Kipod, li tista' tfittex f'filmati u tanalizzahom, u tuża software ta' rikonoxximent tal-wiċċ. Għaldaqstant qed jikkontribwixxi għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mill-apparat tal-istat. Synesis LLC u s-sussidjarja tagħha Panoptes jibbenefikaw mis-sehem tagħhom fis-Sistema ta' Monitoraġġ tas-Sikurezza Repubblikana. Kumpanniji oħrajn li huma proprjetà jew proprjetà konġunta ta' Shatrov, bħal BelBet u Synesis Sport, ukoll jibbenefikaw minn kuntratti tal-gvern. Huwa għamel stqarrijiet pubbliċi fejn ikkritika lil dawk li kienu qed jipprotestaw kontra r-reġim ta' Lukashenka u qiegħed f'perspettiva n-nuqqas ta' demokrazija fil-Belarussja. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
124.	Siarhei Siamionavich TSIATSERYN Sergei Semionovich TETERIN	Сяргей Сямёнавіч ЦЯЦЕРЫН Сергей Семёнович ТЕТЕРИН	Negozjant, sid ta' BELGLOBALSTART, koproprjetarju ta' VIBEL, President tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis Data tat-twelid: 07.01.1961 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Siarhei Tsiatseryn huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li joperaw fil-Belarussja, b'interessi ta' negozju fid-distribuzzjoni ta' xarbiet alkoħoliċi (permezz tal-kumpannija tiegħu "Belglobalstart"), prodotti tal-ikel u għamara. Huwa parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' Lukashenko. Fl-2019, Belglobalstart ingħatat opportunità li tibda l-bini ta' ċentru multifunzjonali ta' negozju quddiem il-palazz presidenzjali f'Minsk. Huwa koproprjetarju tal-kumpannija VIBEL li tbigħ reklami fuq għadd ta' stazzjonijiet televiżivi nazzjonali Belarussi. Huwa l-president tal-Federazzjoni Belarussa tat-Tennis u eks assistent ta' Lukashenka għal kwistjonijiet sportivi. Għamel kummenti pubbliċi li fihom ikkundanna lill-isportivi tal-Belarussja talli esprimew il-protesti tagħhom kontra r-reġim ta' Lukashenka, fejn ipprotestaw kontra l-vjolenza fuq u l-persekuzzjoni ta' dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, u attivisti tad-drittijiet tal-bniedem. Pubblikament talab lil dawn l-isportivi jagħtu lura l-flus kollha li l-istat kien investa fihom. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	21.6.2021
125.	Mikhail Safarbekovich GUTSERIEV	Мικаил (Михаил) Сафарбекович ГУЦЕРИЕВ	Negozjant, sid tal-kumpanniji Safmar, Slavkali u Slavneft Data tat-twelid: 09.05.1958 Post tat-twelid: Akmolinsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Każakistan) Sess: raġel Nazzjonalità: Russa	Mikhail Gutseriev huwa negozjant prominenti Russu, b'interessi ta' negozju fil-Belarussja fis-setturi tal-enerġija, tal-potassa, tal-ospitalità u oħrajn. Huwa ilu żmien twil ħabib ta' Aliaksandr Lukashenka u bis-saħħa ta' din l-assoċjazzjoni akkumula ġid u influwenza sinifikanti fost l-elit politiku fil-Belarussja. "Safmar", kumpannija kkontrollata minn Gutseriev, kienet l-unika ditta taż-żejt Russa li kompliet tforni ż-żejt lir-raffineriji Belarussi waqt il-kriżi tal-enerġija bejn il-Belarussja u r-Russja fil-bidu tal-2020. Gutseriev appoġġa wkoll lil Lukashenka f'tilwim mar-Russja dwar il-kunsinni taż-żejt. Gutseriev huwa s-sid tal-kumpannija "Slavkali", li qed tibni l-impjant ta' tħaffir u proċessar tal-klorur tal-potassju ta' Nezhinsky ibbażat fuq id-depożitu ta' melħ potassiku ta' Starobinskiy qrib Lyuban. Huwa l-akbar investiment fil-Belarussja, b'valur ta' $2 biljun. Lukashenka wieġħed li jibdel l-isem tal-belt ta' Lyuban għal Gutserievsk biex jagħtih ġieħ. In-negozji l-oħrajn tiegħu fil-Belarussja jinkludu l-istazzjonijiet tal-fjuwil u d-depożiti taż-żejt "Slavneft", lukanda, ċentru tan-negozju u terminal tal-ajruport f'Minsk. Lukashenka ddefenda lil Gutseriev wara li nbdiet investigazzjoni kriminali kontrih fir-Russja. Lukashenka rringrazzja wkoll lil Gutseriev għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu għall-karità u l-investimenti ta' biljuni ta' dollari fil-Belarussja. Gutseriev huwa rrappurtat li rregala lil Lukashenka rigali lussużi.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Huwa ddikjara wkoll li huwa s-sid ta' residenza, li de facto tappartjeni lil Lukashenka, u b'hekk għattielu meta l-ġurnalisti bdew jinvestigaw l-assi ta' Lukashenka. Gutseriev huwa rrappurtat li attenda l-inawgurazzjoni sigrieta ta' Lukashenka fit-23 ta' Settembru 2020. F'Ottubru 2020, Lukashenka u Gutseriev it-tnejn dehru fil-ftuħ ta' knisja ortodossa, li dan tal-aħħar sponsorja. Skont rapporti tal-media, meta l-impjegati tal-media tal-istat Belarussa li kienu qed jistrajkjaw tkeċċew f'Awwissu 2020, ħaddiema tal-media Russi twasslu lejn il-Belarussja abbord inġenji tal-ajru li jappartjenu lil Gutseriev sabiex jissostitwixxu l-ħaddiema mkeċċija, u qagħdu fil-lukanda Minsk Renaissance li tappartjeni lil Gutseriev. Għaldaqstant Mikhail Gutseriev qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed jappoġġah.	
126.	Aliaksey Ivanavich ALEKSIN Alexei Ivanovich OLEKSIN	Аляксей Іванавіч АЛЕКСІН Алексей Иванович ОЛЕКСИН	Negozjant, Koproprjetarju tal-Grupp Bremino, Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Aliaksei Aleksin huwa wieħed min-negozjanti ewlenin fil-Belarussja, b'interessi ta' negozju fis-setturi taż-żejt u l-enerġija, il-proprjetà immobbli, l-iżvilupp, il-loġistika, it-tabakk, il-bejgħ bl-imnut, il-finanzi u oħrajn. Huwa jgawdi minn relazzjoni mill-qrib ma' Aliaksandr Lukashenka u ma' ibnu u l-eks Konsulent tas-Sigurtà Nazzjonali Viktar Lukashenka. Huwa attiv fil-moviment tal-motoċiklisti fil-Belarussja, passatemp li jaqsam ma' Viktar Lukashenka. Il-kumpannija tiegħu hija s-sid ta' proprjetà f'"Alexandria 2" (reġjun ta' Mogilev), magħruf bħala "residenza presidenzjali", li Aliaksandr Lukashenka jżur spiss. Huwa il-koproprjetarju ta' "Bremino Group" – l-inizjatur u koamministratur tal-proġett taż-żona ekonomika speċjali Bremino-Orsha maħluqa permezz ta' digriet presidenzjali ffirmat minn Aliaksandr Lukashenka. Il-kumpannija rċeviet appoġġ statali għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra. Aleksin u sidien oħra ta' Bremino Group irċevew appoġġ minn Viktar Lukashenka. Il-kumpanniji "Inter Tobacco" u "Energo-Oil", li jappartjenu lil Aleksin u membri familjari stretti tiegħu, ingħataw privileġġi esklussivi biex jimportaw prodotti tat-tabakk lejn il-Belarussja, abbażi ta' digriet iffirmat minn Aliaksandr Lukashenka, u rċevew appoġġ mill-istat għall-ħolqien ta' kiosks Tabakierka. Huwa kien allegatament involut fit-twaqqif tal-ewwel kumpannija militari privata approvata mill-gvern fil-Belarussja "GardServis", b'rabtiet irrappurtati mal-apparat tas-sigurtà tal-Belarussja. Għaldaqstant huwa qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
127.	Aliaksandr Mikalaevich ZAITSAU Alexander (Alexandr) Nikolaevich ZAITSEV	Аляксандр Мікалаевіч ЗАЙЦАЎ Александр Николаевич ЗАЙЦЕВ	Negozjant, koproprjetarju tal-Grupp Bremino u l-Grupp Sohra Data tat-twelid: 22.11.1976 jew 22.11.1975 Post tat-twelid: Ruzhany, Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Aliaksandr Zaitsau huwa l-eks assistent ta' Viktar Lukashenka, iben u eks Konsulent dwar is-Sigurtà Nazzjonali għal Aliaksandr Lukashenka. Permezz ta' aċċess għall-familja Lukashenka Zaitsau jikseb kuntratti ta' valur għoli għan-negozji tiegħu. Huwa s-sid tal-Grupp Sohra li ngħata d-dritt li jesporta l-produzzjoni ta' intrapriżi proprjetà tal-istat (tratturi, trakkijiet) fil-pajjiżi tal-Golf u Afrikani. Huwa wkoll koproprjetarju tal-Grupp Bremino. Il-kumpannija rċeviet appoġġ statali għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa u benefiċċji oħra. Zaitsau u sidien oħra ta' Bremino Group irċevew appoġġ minn Viktar Lukashenka. Għaldaqstant huwa jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	21.6.2021
128.	Ivan Branislavavich MYSLITSKI Ivan Bronislavovich MYSLITSKIY	Іван Браніслававіч МЫСЛІЦКІ Иван Брониславович МЫСЛИЦКИЙ	L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 23.10.1976 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu tal-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Ivan Myslitski huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
129.	Aleh Mikalaevich, BELIAKOU Oleg Nikolaevich BELIAKOV	Алег Мікалаевіч БЕЛЯКОЎ Олег Николаевич БЕЛЯКОВ	Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Aleh Beliakou huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
130.	Uladzislau Aliakseevich MANDRYK Vladislav Alekseevich MANDRIK	Уладзіслаў Аляксеевіч МАНДРЫК Владислав Алексеевич МАНДРИК	Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 04.07.1971 Post tat-twelid: Karta tal-identità nazzjonali: 3040771A125PB2; Passaport: MP3810311. Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Uladzislau Mandryk huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
131.	Andrei Mikalaevich DAILIDA Andrei Nikolaevich DAILIDA	Андрэй Мікалаевіч ДАЙЛІДА Андрей Николаевич ДАЙЛИДА	Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 01.07.1974 Post tat-twelid: Passaport: KH2133825 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Andrei Dailida huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenko ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għall-ħidma tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, f'Diċembru 2020 huwa ngħata l-Ordni Presidenzjali għas-servizz lill-Art tat-twelid u għalhekk ibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
132.	Aleh Mikalaevich LASHCHYNOUSKI Oleg Nikolaevich LASHCHINOVSKII	Алег Мікалаевіч ЛАШЧЫНОЎСКІ Олег Николаевич ЛАЩИНОВСКИЙ	Eks Viċi Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 12.05.1963 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta' Kap tad-Dipartiment Korrettiv Penali b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, Aleh Lashchynouski huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni preċedenti tiegħu, iġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet fil-ħabsijiet Belarussi u l-miżuri ta' repressjoni meħuda hemmhekk, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat u tortura brutali. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
133.	Zhana Uladzimirauna BATURYTSKAIA Zhanna Vladimirovna BATURITSKAYA	Жана Уладзіміраўна БАТУРЫЦКАЯ Жанна Владимировна БАТУРИЦКАЯ	Kap tad-Direttorat għall-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 20.04.1972 Post tat-twelid: Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tagħha ta' Kap tad-Direttorat għall-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi tad-Dipartiment Korrettiv Penali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni b'awtorità fuq il-faċilitajiet ta' detenzjoni, Zhana Baturitskaia hija responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'dawk il-faċilitajiet ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, f'konformità mad-diskors li Lukashenka ta lill-uffiċjali tal-Ministeru għall-Intern. Fil-pożizzjoni tagħha, iġġorr responsabbiltà għall-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fil-ħabsijiet Belarussi, inkluż il-kategorizzazzjoni tal-ħabsin skont it-tipi differenti ta' maltrattament u tortura li d-detenuti jiġu soġġetti għalihom, bħal abbuż verbali, iżolament punittiv, tiċħid ta' telefonati u żjarat, mutilazzjoni, swat, tortura brutali. Għalhekk hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
134.	Dzmitry Mikalaevich STREBKOU Dmitry Nikolaevich STREBKOV	Дзмітрый Мікалаевіч СТРЭБКОЎ Дмитрий Николаевич СТРЕБКОВ	Kap tal-Ħabs Nru. 8 f'Zhodino Data tat-twelid: 19.03.1977 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tal-Ħabs Nru 8 f'Zhodino, Dzmitry Strebkou huwa responsabbli għall-kundizzjonijiet atroċi fiċ-ċentru ta' detenzjoni u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni, inkluż fiċ-ċentru ta' detenzjoni temporanju tagħha, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
135.	Yauhen Andreevich SHAPETSKA Evgeniy Andreevich SHAPETKO	Яўген Андрэевіч ШАПЕЦЬКА Евгений Андреевич ШАПЕТЬКО	Kap taċ-ċentru ta' iżolament għat-trasgressuri f'Akrestina Data tat-twelid: 30.03.1989 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap taċ-Ċentru ta' Iżolament għat-Trasgressuri f'Akrestina, Yauhen Shapetska huwa responsabbli għall-kundizzjonijiet atroċi fiċ-ċentru ta' iżolament u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u ġew detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
136.	Ihar Ryhoravich KENIUKH Igor Grigorevich KENIUKH	Ігар Рыгоравіч КЕНЮХ Игорь Григорьевич КЕНЮХ	Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina Data tat-twelid: 21.01.1980 Post tat-twelid: Reġjun/Oblast ta' Gomel, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu tal-Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina, Ihar Keniukh huwa responsabbli għal kundizzjonijiet atroċi u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż swat u tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għamel pressjoni fuq il-persunal mediku biex jitneħħew it-tobba li jissimpatizzaw mad-dimostranti. Skont ix-xhieda ta' bosta nisa inkluża fir-rapport taċ-Ċentru għall-Promozzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa, "Id-Drittijiet Tagħha," l-aktar trattament inuman seħħ fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Akrestina f'Minsk, fejn il-pulizija tal-OMON kienu partikolarment kefrin u użaw it-tortura. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
137.	Hleb Uladzimiravich DRYL Gleb Vladimirovich DRIL	Глеб Уладзіміравіч ДРЫЛЬ Глеб Владимирович ДРИЛЬ	Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina Data tat-twelid: 12.05.1980 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju, Hleb Dryl huwa responsabbli għall-kundizzjonijiet atroċi u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż swat u tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Skont ix-xhieda tax-xhud, xi nisa detenuti mid-9 sat-12 ta' Awwissu 2020 ġew msawta b'mod aħrax fiċ-ċentri tad-detenzjoni. Skont ix-xhieda ta' bosta nisa inkluża fir-rapport taċ-Ċentru għall-Promozzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa, "Id-Drittijiet Tagħha", l-aktar trattament inuman seħħ fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Akrestina f'Minsk, fejn il-pulizija tal-OMON kienu partikolarment kefrin u użaw it-tortura. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
138.	Uladzimir Iosifavich LAPYR Vladimir Yosifovich LAPYR	Уладзімір Іосіфавіч ЛАПЫР Владимир Иосифович ЛАПЫРЬ	Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina Data tat-twelid: 21.08.1977 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap taċ-Ċentru ta' Detenzjoni Temporanju f'Akrestina, Uladzimir Lapyr huwa responsabbli għal kundizzjonijiet atroċi u għat-trattament inuman u degradanti, inkluż swat u tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti f'din il-faċilità ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Skont ix-xhieda ta' bosta nisa inkluża fir-rapport taċ-Ċentru għall-Promozzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa, "Id-Drittijiet Tagħha," l-aktar trattament inuman seħħ fiċ-ċentru ta' detenzjoni f'Akrestina f'Minsk, fejn il-pulizija tal-OMON kienu partikolarment kefrin u użaw it-tortura. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
139.	Aliaksandr Uladzimiravich VASILIUK Alexander (Alexandr) Vladimirovich VASILIUK	Аляксандр Уладзіміравіч ВАСІЛЮК Александр Владимирович ВАСИЛЮК	Kap tat-Tim tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 08.05.1975 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tat-Tim tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja, Aliaksandr Vasiliuk huwa responsabbli għal persekuzzjonijiet u detenzjoni politikament motivati, b'mod partikolari tal-membri tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni tal-oppożizzjoni, inkluż il-mexxejja tal-oppożizzjoni Belarussa Mariya Kalesnikava li hija meqjusa priġunier politiku minn organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa responsabbli wkoll għad-detenzjoni ta' diversi rappreżentanti tal-media tal-oppożizzjoni. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
140.	Yauhen Anatolevich ARKHIREEU Evgeniy Anatolevich ARKHIREEV	Яўген Анатольевіч АРХІРЭЕЎ Евгений Анатольевич АРХИРЕЕВ	Kap tad-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet, Uffiċċju Ċentrali tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 1.07.1977 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tad-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja, Yauhen Arkhireeu huwa responsabbli għall-ftuħ ta' proċedimenti kriminali politikament motivati u l-investigazzjoni tagħhom, b'mod partikolari tal-membri tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni tal-oppożizzjoni u dimostranti oħrajn. Dawn l-investigazzjonijiet għandhom l-għan li jintimidaw id-dimostranti, kif ukoll li jikkriminalizzaw il-parteċipazzjoni f'dimostrazzjonijiet paċifiċi. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
141.	Aliaksei Iharavich KAURYZHKIN Alexey Igorovich KOVRYZHKIN	Аляксей Ігаравіч КАЎРЫЖКІН Алексей Игоревич КОВРИЖКИН	Kap tat-Tim tal-Investigazzjonijiet fid-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 03.11.1981 Post tat-twelid: Bobruisk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tat-Tim tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja, Aliaksei Kauryzhkin huwa responsabbli għal persekuzzjonijiet u detenzjoni politikament motivati, b'mod partikolari tal-membri tat-tim tal-kampanja presidenzjali ta' Viktar Babarika u tal-membri tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni tal-oppożizzjoni, inkluż l-avukat Maxim Znak li huwa meqjus priġunier politiku minn organizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
142.	Aliaksandr Dzmitryevich AHAFONAU Alexander (Alexandr) Dmitrievich AGAFONOV	Аляксандр Дзмітрыевіч АГАФОНАЎ Александр Дмитриевич АГАФОНОВ	L-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet, Kumitat Investigattiv Data tat-twelid: 13.03.1982 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu tal-Ewwel Viċi Kap tad-Dipartiment Ewlieni tal-Investigazzjonijiet tal-Kumitat Investigattiv tal-Belarussja, Aliaksandr Ahafonau huwa responsabbli għall-persekuzzjonijiet u l-arresti politikament motivati tal-kandidat presidenzjali Siarhei Tsikhanousky – attivist tal-oppożizzjoni u żewġ il-kandidata presidenzjali Svetlana Tsikhanouskaya u attivisti politiċi oħrajn, inkluż Mikalai Statkevich u Dzmitry Kazlou. Siarhei Tsikhanousky, Dzmitry Kazlou u Mikalai Statkevich huma rikonoxxuti bħala priġunieri politiċi minn Viasna, organizzazzjoni Belarussa tad-drittijiet tal-bniedem. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
143.	Kanstantsin Fiodaravich BYCHAK Konstantin Fedorovich BYCHEK	Канстанцін Фёдаравіч БЫЧАК Константин Фёдорович БЫЧЕК	Kap tat-Taqsima tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tal-KGB Data tat-twelid: 20.09.1985 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tat-Taqsima tad-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tal-KGB, Kanstantin Bychak issorvelja l-investigazzjoni politikament motivata tal-kandidat presidenzjali Viktar Babarika. Il-kandidatura ta' Babarika ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni Elettorali Ċentrali. Din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq rapport mill-KGB u dikjarazzjonijiet televiżivi uffiċjali li fihom Bychak iddikjara li Babarika kien ħati ta' ħasil tal-flus waqt li l-investigazzjonijiet kienu għadhom għaddejjin. Fis-26 ta' Ottubru 2020, Bychak hedded lid-dimostranti paċifiċi fuq it-televiżjoni tal-gvern billi ddikjara li l-azzjonijiet tagħhom kienu ser jiġu kklassifikati bħala atti ta' terroriżmu. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili demokratika.	21.6.2021
144.	Andrei Siarheevich BAKACH Andrei Sergeevich BAKACH	Андрэй Сяргеевіч БАКАЧ Андрей Сергеевич БАКАЧ	Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaysky ta' Minsk Data tat-twelid: 19.11.1983 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tad-dipartiment tal-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Pervomaysky f'Minsk (minn Diċembru 2019), Andrei Bakach huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-forzi tal-pulizija li jappartjenu għal din iż-żona tal-pulizija u għall-azzjonijiet li seħħew fl-għassa tal-pulizija. Matul il-mandat tiegħu ta' Kap, id-dimostranti paċifiċi f'Minsk ġew soġġetti għal trattament kiefer, inuman u degradanti fl-għassa tal-pulizija taħt il-kontroll tiegħu. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
145.	Aliaksandr Uladzimiravich, PALULEKH Aleksandr Vladimirovich POLULEKH	Аляксандр Уладзіміравіч ПАЛУЛЕХ Александр Владимирович ПОЛУЛЕХ	Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk Data tat-twelid: 25.06.1979 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Kap tad-Direttorat tal-Affarijiet Interni tal-Amministrazzjoni tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk, Aliaksandr Palulekh huwa responsabbli għar-repressjoni mmexxija mill-forzi tal-pulizija f'dan id-distrett kontra d-dimostranti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020, b'mod partikolari bil-maltrattament, inkluż tortura, tad-dimostranti paċifiċi li ġew detenuti fl-għassa tal-pulizija taħt il-kontroll tiegħu. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
146.	Aliaksandr Aliaksandravich ZAKHVITSEVICH Aleksandr Aleksandrovich ZAKHVITSEVICH	Аляксандр Аляксандравіч ЗАХВІЦЭВІЧ Александр Александрович ЗАХВИЦЕВИЧ	Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk Data tat-twelid: 01.01.1977 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk, Aliaksandr Zakhvitsevich jissorvelja l-pulizija tas-sigurtà pubblika u huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti fid-Distrett ta' Frunzenskiy wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u għar-repressjoni brutali ġenerali fil-konfront tad-dimostranti paċifiċi f'dan id-distrett. L-uffiċjali taħt is-superviżjoni ta' Zakhvitsevich użaw it-tortura fil-konfront tad-detenuti. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
147.	Siarhei Uladzimiravich USHAKOU Sergei Vladimirovich USHAKOV	Сяргей Уладзіміравіч УШАКОЎ Сергей Владимирович УШАКОВ	Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk Data tat-twelid: 22.08.1980 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk, li jissorvelja l-pulizija kriminali, Siarhei Ushakou huwa responsabbli mill-azzjonijiet tas-subordinati tiegħu, speċjalment it-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fil-konfront ta' ċittadini detenuti fid-Distrett ta' Frunzensky wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u għar-repressjoni brutali ġenerali fil-konfront tad-dimostranti paċifiċi. L-uffiċjali taħt is-superviżjoni diretta ta' Ushakou użaw it-tortura fil-konfront tad-detenuti. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
148.	Siarhei Piatrovich ARTSIOMENKA Sergei Petrovich ARTEMENKO / ARTIOMENKO	Сяргей Пятровіч АРЦЁМЕНКА Сергей Петрович АРТЁМЕНКО	Viċi Kap tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk Data tat-twelid: 26.03.1973 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu ta' Viċi Kap tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaisky f'Minsk, fejn jissorvelja l-pulizija tas-sigurtà pubblika, Siarhei Artemenko huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, mis-subordinati tiegħu fil-konfront ta' ċittadini detenuti fid-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Pervomaiskiy f'Minsk li seħħ wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u għar-repressjoni brutali ġenerali fil-konfront tad-dimostranti paċifiċi. Eżempju wieħed huwa l-maltrattament ta' Maxim Haroshin, sid ħanut tal-fjuri, li ġie arrestat wara li ta fjuri lill-parteċipanti tal-Marċ tan-Nisa fit-13 ta' Ottubru 2020. Artemenko għamel pressjoni fuq iċ-ċittadini biex ma jiħdux sehem fid-dimostrazzjonijiet paċifiċi. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
149.	Aliaksandr Mikhailavich RYDZETSKI Aleksandr Mikhailovich RIDETSKIY	Аляксандр Міхайлавіч РЫДЗЕЦКІ Александр Михайлович РИДЕЦКИЙ	Ex-Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali ta' Oktyabrskiy ta' Minsk, Kap tad-Direttorat tas-sigurtà interna tal-Kumitat tal-Eżami Forensiku tal-Istat Data tat-twelid: 14.08.1978 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Oktyabersky ta' Minsk, Aliaksandr Rydzetski kien responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, mis-subordinati tiegħu fuq ċittadini detenuti f'dak id-distrett wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
150.	Dzmitry Iauhenevich BURDZIUK Dmitry Evgenevich BURDIUK	Дзмітрый Яўгеньевіч БУРДЗЮК Дмитрий Евгеньевич БУРДЮК	Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Oktyabrsky, Eks Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Partizanski ta' Minsk Data tat-twelid: 31.01.1980 Post tat-twelid: Reġjun ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (illum Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa Identifikazzjoni personali: 3310180C009PB7 Numru tal-passaport: MP3567896	Fil-pożizzjoni li kellu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Partizanski ta' Minsk, Dzmitry Burdziuk kien responsabbli għas-superviżjoni tas-swat gravi u t-tortura fuq dimostranti paċifiċi u persuni fil-qrib f'dak id-distrett wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. F'Diċembru 2020 ġie maħtur Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Oktyabersky. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
151.	Vital Vitalevich KAPILEVICH Vitaliy Vitalevich KAPILEVICH	Віталь Вітальевіч КАПІЛЕВІЧ Виталий Витальевич КАПИЛЕВИЧ	Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Leninsky ta' Minsk Data tat-twelid: 26.11.1988 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Leninsky ta' Minsk, Vital Kapilevich huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fuq ċittadini detenuti fid-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Leninsky. Id-detenuti ġew miċħuda l-għajnuna medika; il-paramediċi li waslu fid-Dipartiment ġew intimidati biex ma titħalliex tingħata l-assistenza medika lid-detenuti. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	21.6.2021
152.	Kiryl Stanislavavich KISLOU Kirill Stanislavovich KISLOV	Кірыл Станіслававіч КІСЛОЎ Кирилл Станиславович КИСЛОВ	Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Zavodsky ta' Minsk Data tat-twelid: 02.01.1979 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Zavodsky ta' Minsk, Kiryl Kislou huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fuq ċittadini detenuti fil-bini ta' din l-għassa tal-pulizija. Huwa responsabbli wkoll għar-repressjonijiet tal-massa kontra dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, ħaddiema, rappreżentanti tal-komunità akkademika u persuni fil-qrib, mis-subordinati tiegħu. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	21.6.2021
153.	Siarhei Aliaksandravich VAREIKA Sergey Aleksandrovich VAREIKO	Сяргей Аляксандравіч ВАРЭЙКА Сергей Александрович ВАРЕЙКО	Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Moskovski ta' Minsk, eks Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Zavodsky ta' Minsk Data tat-twelid: 01.02.1980 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni li kellu bħala Viċi Kap tal-Pulizija Distrettwali Zavodsky Siarhei Vareika huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fuq ċittadini detenuti fil-bini tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Zavodsky wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Huwa responsabbli wkoll għall-azzjonijiet tas-subordinati tiegħu, li ħadu sehem fir-repressjonijiet tal-massa kontra dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, ħaddiema, rappreżentanti tal-komunità akkademika u persuni fil-qrib. Fil-21 ta' Diċembru 2020 ġie maħtur Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Moskovsky ta' Minsk. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
154.	Siarhei Feliksavich DUBAVIK Sergey Feliksovich DUBOVIK	Сяргей Феліксавіч ДУБАВІК Сергей Феликсович ДУБОВИК	Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Leninsky ta' Minsk Data tat-twelid: 01.02.1974 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Leninsky, Siarhei Dubavik huwa responsabbli għal trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fuq ċittadini detenuti fil-bini tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Leninsky wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Id-detenuti ġew miċħuda l-għajnuna medika; il-paramediċi li waslu fid-Dipartiment ġew intimidati biex ma tiħalliex tingħata l-assistenza medika lid-detenuti. Huwa responsabbli wkoll għall-azzjonijiet tas-subordinati tiegħu, li ħadu sehem fir-repressjonijiet tal-massa kontra dimostranti paċifiċi, ġurnalisti, attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, ħaddiema, rappreżentanti tal-komunità akkademika u persuni fil-qrib. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
155.	Aliaksandr Mechyslavavich ANDRYEUSKI Alexander (Alexandr) Mechislavovich ANDRIEVSKII	Аляксандр Мечыслававіч АНДРЫЕЎСКІ Александр Мечиславович АНДРИЕВСКИЙ	Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija tad-Distrett ta' Frunzensky ta' Minsk Data tat-twelid: 29.04.1982 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Frunzensky ta' Minsk, Aliaksandr Andryeuski huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fuq ċittadini detenuti fil-bini tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Fruzensky wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. Id-detenuti kienu għarkopptejhom b'rashom baxxuta għal sigħat sħaħ, imsawwta b'mod vjolenti, u ngħataw xokkijiet bit-taser. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
156.	Vital Mikhailavich MAKRYTSKI Vitalii Mikhailavich MAKRITSKII	Віталь Міхайлавіч МАКРЫЦКІ Виталий Михайлович МАКРИЦКИЙ	Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Oktyabrsky ta' Minsk (Sas-17 ta' Diċembru 2020). Mis-17 ta' Diċembru 2020 - Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Partizanski ta' Minsk Data tat-twelid: 17.02.1975 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni li kellu ta' Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Oktyabrsky ta' Minsk, Vital Makrytski kien responsabbli għas-superviżjoni tas-swat gravi u t-tortura fuq dimostranti paċifiċi u persuni fil-qrib miżmuma fil-bini ta' dan id-dipartiment tal-pulizija, wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020. F'Diċembru 2020 ġie promoss għall-kariga ta' Kap tad-Dipartiment tal-Pulizija Distrettwali Partizanski ta' Minsk. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
157.	Yauhen Aliakseevich URUBLEUSKI Evgenii Alekseevich VRUBLEVSKII	Яўген Аляксеевіч УРУБЛЕЎСКІ ЕвгенийАлексеевич ВРУБЛЕВСКИЙ	Uffiċjal Anzjan tal-Pulizija taċ-Ċentru ta' Iżolament għad-Delinkwenti f'Akrestina Data tat-twelid: 28.01.1966 Post tat-twelid: Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala uffiċjal anzjan tal-pulizija taċ-Ċentru ta' Iżolament għad-Delinkwenti f'Akrestina. Yauhen Urubleuski huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż tortura, fuq ċittadini detenuti fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni tad-Delinkwenti. Skont xhieda u rapporti fil-media, f'Awwissu 2020 ħa sehem personalment fis-swat brutali fuq ċivili detenuti. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.	21.6.2021
158.	Mikalai Mikalaevich KARPIANKAU Nikolai Nikolaevich KARPENKOV	Мікалай Мікалаевіч КАРПЯНКОЎ Николай Николаевич КАРПЕНКОВ	Viċi Ministru għall-Affarijiet Interni, Eks Kap tad-Dipartiment Prinċipali għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni Data tat-twelid: 06.09.1968 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Kap tad-Dipartiment Prinċipali għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Korruzzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, Mikalai Karpiankau huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti fuq ċittadini li ħadu sehem fi protesti paċifiċi u għall-arrest arbitrarju u d-detenzjoni tagħhom. Għadd kbir ta' testimonjanzi u evidenza b'ritratti u vidjo juru l-grupp taħt il-kmand tiegħu isawwat u jarresta dimostranti paċifiċi, jheddidhom b'armi tan-nar. Fis-6 ta' Settembru 2020, Karpiankou ġie ffilmjat ikisser b'lembuba l-bieb tal-ħġieġ tal-kafetterija fejn dimostranti paċifiċi kienu qed jinħbew u jarrestahom b'mod brutali. Ġie ppubblikat filmat fejn sostna li d-dipartiment tiegħu kien ser juża armi tan-nar kontra d-dimostranti. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
159.	Mikhail Viachaslavavich HRYB Mikhail Viacheslavovich GRIB	Міхаіл Вячаслававіч ГРЫБ Михаил Вячеславович ГРИБ	Kap tad-Dipartiment Prinċipali għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk Data tat-twelid: 29.07.1980 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussa	Mikhail Hryb kien Kap tad-Dipartiment għall-Affarijiet Interni fil-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali ta' Vitebsk minn Marzu 2019 sa Ottubru 2020, wara ġie maħtur Kap tad-Dipartiment Prinċipali għall-Affarijiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Belt ta' Minsk u ġie assenjat it-titlu ta' maġġur ġeneral tal-milizzja (forzi tal-pulizija). F'din il-kapaċità, huwa responsabbli għall-azzjonijiet tal-forzi tal-pulizija, rispettivament fir-reġjun ta' Vitebsk sa Ottubru 2020 u f'Minsk sa minn Ottubru 2020, inkluż ir-repressjoni vjolenti ta' dimostranti paċifiċi u ksur tad-dritt għal-libertà ta' għaqda paċifika u tal-libertà tal-kelma, mwettqa mill-forzi tal-pulizija f'Vitebsk u Minsk, wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja. Għalhekk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
160.	Viktar Genadzevich KHRENIN Viktor Gennadievich KHRENIN	Віктар Генадзевіч ХРЭНІН Виктор Геннадиевич ХРЕНИН	Ministru għad-Difiża Data tat-twelid: 01.08.1971 Post tat-twelid: Navahrudak/ Novogrudek, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: Raġel Nazzjonalità: Belarussa Grad: Logutenent Ġeneral Numru tal-passaport tal-BY: KH2594621 Identifikazzjoni personali: 3010871K003PB1	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Ministru għad-Difiża tal-Belarussja mill-20 ta' Jannar 2020, Viktar Khrenin huwa responsabbli għad-deċiżjoni meħuda mill-Kmand tal-Forzi tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru, fuq struzzjonijiet ta' Lukashenka, li jibgħat inġenji tal-ajru militari biex jeskorta l-inżul ta' emerġenza tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. Huwa għamel diversi dikjarazzjonijiet pubbliċi, fejn iddikjara li kien lest juża l-armata kontra dimostranti paċifiċi f'Awwissu 2020 u xebbah l-użu mid-dimostranti tal-bandiera storika bajda ħamra u bajda mal-kollaboraturi Nazisti. Għaldaqstant hu responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja, u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
161.	Ihar Uladzimiravich HOLUB Igor Vladimirovich GOLUB	Ігар Уладзіміравіч ГОЛУБ Игорь Владимирович ГОЛУБ	Kmandant tal-Forza tal-Ajru u d-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati Data tat-twelid: 19.11.1967 Post tat-twelid: Chernigov, oblast ta' Chernigovskaya, eks USSR (issa l-Ukrajna) Sess: Raġel Nazzjonalità: Belarussa Grad: Maġġur Ġeneral Numru tal-passaport tal-BY: KH2187962 Identifikazzjoni personali: 3191167E003PB1	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kmandant tal-Forza tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja, Ihar Holub huwa responsabbli għad-deċiżjoni meħuda mill-Kmand tal-Forzi tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru, fuq struzzjonijiet ta' Lukashenka, li jibgħat inġenji tal-ajru militari biex jeskorta l-inżul ta' emerġenza tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. Wara l-inċident, Ihar Holub għamel dikjarazzjonijiet għall-istampa flimkien mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni tal-Ministeru għat-Trasport tal-Belarussja Artem Sikorsky li jiġġustifikaw l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni Belarussi. Għaldaqstant hu responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja, u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
162.	Andrei Mikalaevich GURTSEVICH Andrei Nikolaevich GURTSEVICH	Андрэй Мікалаевіч ГУРЦЕВИЧ Андрей Николаевич ГУРЦЕВИЧ	Kap tal-Persunal Prinċipali, l-Ewwel Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Data tat-twelid: 27.07.1971 Post tat-twelid: Baranovich, Reġjun/ Oblast ta' Brest, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: Raġel Nazzjonalità: Belarussa Grad: Maġġur Ġeneral Numru tal-passaport tal-BY: MP3849920 Identifikazzjoni personali: 3270771C016PB2	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Kap tal-Persunal Ewlieni u l-Ewwel Viċi Kmandant tal-Forzi tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati, Andrei Gurtsevich huwa responsabbli għad-deċiżjoni meħuda mill-Kmand tal-Forzi tal-Ajru u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru, fuq struzzjonijiet ta' Lukashenka, li jibgħat inġenji tal-ajru militari biex jeskorta l-inżul ta' emerġenza tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 fl-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. Wara l-inċident, huwa għamel dikjarazzjonijiet għall-istampa li jiġġustifikaw l-azzjonijiet tal-awtoritajiet Belarussi. Għaldaqstant hu responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja, u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
163.	Leanid Mikalaevich CHURO Leonid Nikolaevich CHURO	Леанід Мікалаевіч ЧУРО Леонид Николаевич ЧУРО	Direttur Ġenerali ta' BELAERONAVIGATSIA Intrapriża tal-Istat Data tat-twelid: 08.07.1956 Post tat-twelid: Sess: Raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport tal-BY: P4289481 Identifikazzjoni personali: 3080756A068PB5	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Direttur Ġenerali tal-Intrapriża tal-Istat ta' BELAERONAVIGATSIA, Leanid Churo huwa responsabbli għall-kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-Belarussja. Għalhekk huwa responsabbli għad-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn l-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. Għaldaqstant huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
164.	Aliaksei Mikalaevich AURAMENKA Alexey Nikolaevich AVRAMENKO	Аляксей Мікалаевіч АЎРАМЕНКА Алексей Николаевич АВРАМЕНКО	Il-Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet Data tat-twelid: 11.05.1977 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: Raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport tal-BY: MP3102183 Identifikazzjoni personali: 3110577A020PB2	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni tal-Belarussja, Aliaksei Auramenka huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-istat fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u s-superviżjoni tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru. Għalhekk huwa responsabbli għad-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn l-ajruport ta' Minsk mingħajr ġustifikazzjoni xierqa fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. Għaldaqstant huwa responsabbli għal repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.	21.6.2021
165.	Artsiom Igaravich SIKORSKI Artem Igorevich SIKORSKIY	Арцём Ігаравіч СІКОРСКІ Артем Игоревич СИКОРСКИЙ	Direttur tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni tal-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni Data tat-twelid: 1983 Post tat-twelid: Soligorsk, Minsk Reġjun/Oblast, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: Raġel Nazzjonalità: Belarussa Numru tal-passaport tal-BY: MP3785448 Identifikazzjoni personali: 3240483A023PB7	Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni tal-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni tal-Belarussja, Artsiom Sikorski huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-istat fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u s-superviżjoni tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru. Għalhekk huwa responsabbli għad-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn Minsk fit-23 ta' Mejju 2021 mingħajr ġustifikazzjoni xierqa. Din id-deċiżjoni politikament motivata kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika tal-Belarussja. Wara l-inċident, huwa għamel dikjarazzjonijiet għall-istampa flimkien mal-Kmandant tal-Forza tal-Ajru u l-Forzi tad-Difiża tal-Ajru tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Belarussja, Ihar Holub, li jiġġustifikaw l-azzjonijiet tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni Belarussi. Għaldaqstant hu responsabbli għal repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u qed jappoġġa lir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
166.	Aleh Siarheevich HAIDUKEVICH Oleg Sergeevich GAIDUKEVICH	Алег Сяргеевіч ГАЙДУКЕВІЧ Олег Сергеевич ГАЙДУКЕВИЧ	Viċi President tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Internazzjonali fil-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali, membru tad-delegazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali għall-kuntatti mal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa Data tat-twelid: 26.03.1977 Post tat-twelid: Minsk, eks Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: Raġel Nazzjonalità: Belarussa Identifikazzjoni personali: 3260377A081PB9 Numru tal-passaport: MP2663333	Aleh Haidukevich huwa l-Viċi President tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Internazzjonali fil-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali, membru tad-delegazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali għall-kuntatti mal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa. Huwa għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi, fejn faħħar id-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn Minsk fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata ttieħdet mingħajr ġustifikazzjoni xierqa u kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarussja. Barra minn hekk, Aleh Haidukevich għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi li jissuġġerixxu li l-mexxejja tal-oppożizzjoni Belarussa jistgħu jiġu detenuti barra mill-pajjiż u jiġu ttrasportati lejn il-Belarussja "f'bagoll ta' karozza", u b'hekk appoġġa r-repressjoni kontinwa tal-forzi tas-sigurtà fuq l-oppożizzjoni demokratika u l-ġurnalisti Belarussi. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

(2) il-persuni ġuridiċi li ġejjin jiżdiedu mat-tabella "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 4(1)":

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
8.	Sohra Group / Sohra LLC	ООО Сохра	Indirizz: Revolucyonnaya 17/19, office no. 22, 220030 Minsk, Belarus Numru ta' reġistrazzjoni: 192363182 Sit web: http://sohra.by/ Indirizz elettroniku: info@sohra.by	Il-kumpannija Sohra tappartjeni lil Aliaksandr Zaitsau, wieħed mill-aktar negozjanti influwenti fil-Belarussja, persuna b'rabta mill-qrib mal-klassi politika Belarussa u kollaboratur strett tat-tifel il-kbir ta' Lukashenko, Viktor. Sohra tippromwovi prodotti industrijali Belarussi fl-Afrika u fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani. Hija kofondatriċi tal-kumpannija tad-difiża BSVT-New Technologies li taħdem fil-produzzjoni tal-armi u l-immodernizzar tal-missili. Filwaqt li tuża il-pożizzjoni privileġġjata tagħha, Sohra sservi bħala intermedjarju bejn il-klassi politika u l-intrapriżi tal-istat Belarussi u s-sħab barranin fl-Afrika u l-Lvant Nofsani. Hija taħdem ukoll fl-estrazzjoni tad-deheb f'pajjiżi Afrikani abbażi ta' konċessjonijiet miksuba mir-reġim ta' Lukashenko. Għaldaqstant Sohra Group qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
9.	BREMINO GROUP, LLC	ООО "Бремино групп"	Numru ta' reġistrazzjoni: (УНН/ИНН): 691598938 Indirizz: Niamiha 40, Minsk 220004, Belarus; Orsha region, Bolbasovo village, Zavodskaya 1k, Belarus Sit web: http://www.bremino.by Indirizz elettroniku: office@bremino.by; marketing@bremino.by	Bremino Group huwa l-inizjatur u koamministratur tal-proġett taż-żona ekonomika speċjali Bremino-Orsha maħluqa permezz ta' digriet presidenzjali ffirmat minn Aliaksandr Lukashenka. Il-kumpannija rċeviet appoġġ statali għall-iżvilupp taż-żona Bremino-Orsha, kif ukoll għadd ta' vantaġġi finanzjarji u tat-taxxa a beneficċji oħra. Is-sidien ta' Bremino-Orsha - Aliaksandr Zaitsau, Mikalai Varabei u Aliaksei Aleksin - jiffurmaw parti miċ-ċirku ta' ġewwa ta' negozjanti marbuta ma' Lukashenka u jżommu kuntatti mill-qrib ma' Lukashenka u l-familja tiegħu. Għaldaqstant Bremino Group qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
10.	Globalcustom Management, LLC	ООО "Глобалкастом-менеджмент"	Indirizz: Nemiga 40/301, Minsk, Belarus Numru ta' reġistrazzjoni: 193299162 Sit web: https://globalcustom.by/ Indirizz elettroniku: info@globalcustom.by	Globalcustom Management hija assoċjata mal-Presidential Affairs Management, immexxija minn Victor Sheiman, li ilu elenkat mill-UE mill-2004. Il-kumpannija hija involuta fil-kuntrabandu ta' merkanzija lejn ir-Russja, li ma jkunx possibbli mingħajr il-kunsens tar-reġim, li jikkontrolla l-gwardji tal-fruntieri u d-dwana. Il-pożizzjoni privileġġata fis-settur tal-esportazzjoni tal-fjuri lejn ir-Russja, li minnha tibbenefika l-kumpannija, hija kundizzjonata wkoll fuq l-appoġġ tar-reġim. Globalcustom Management kienet l-ewwel sid ta' GardService, l-unika kumpannija privata li ngħatat il-permess għall-użu tal-armi minn Lukashenko. Għaldaqstant Globalcustom Management qiegħda tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
11.	Belarusski Avtomobilnyi Zavod (BelAZ) / OJSC "BELAZ"	Belarussu: ААТ «БЕЛАЗ» Russu: ОАО " БЕЛАЗ"	Indirizz: 40 let Octyabrya street 4, 222161, Zhodino, Minsk region, Republic of Belarus Sit web: https://belaz.by	OJSC "Belaz" hija fost l-intrapriżi tal-istat ewlenin fil-Belarussja u waħda mill-akbar manifatturi ta' trakkijiet kbar u trakkijiet kbar tal-iskart fid-dinja. Hija sors ta' dħul sinifikanti għar-reġim ta' Lukashenka. Lukashenka sostna li l-gvern dejjem ser jappoġġa l-kumpannija, u ddeskriviha bħala "marka Belarussa" u "parti mill-legat nazzjonali". OJSC BelAZ offriet il-bini u t-tagħmir tagħha biex tiġi organizzata dimostrazzjoni politika favur ir-reġim. Għaldaqstant OJSC "Belaz" tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. Il-ħaddiema ta' OJSC "Belaz" li ħadu sehem fl-istrajks u fil-protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet frawdolenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew mhedda bi tkeċċijiet u intimidati mill-maniġment tal-kumpannija. Grupp ta' ħaddiema ġie msakkar ġewwa minn OJSC "Belaz" biex dawn ma jitħallewx jingħaqdu ma dimostranti oħra. Il-maniġment tal-kumpannija ppreżenta lis-strajk lill-media bħala laqgħa tal-membri tal-persunal. Għaldaqstant OJSC "Belaz" hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Belarussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Belarussa) (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
12.	Minskii Avtomobilnyi Zavod (MAZ) / OJSC "MAZ"	Belarussu: ААТ «Мінскі аўтамабільны завод» Russu: ОАО "Минский автомобильный завод"	Data ta' reġistrazzjoni: 16.07.1944 Indirizz: Belarus, 220021, Minsk, Socialisticheskaya 2 Tel. +375 17 217 22 22; +8000 217 22 22	OJSC Minsk Automobile Plant hija waħda mill-akbar intrapriżi tal-istat li jimmanifatturaw karozzi fil-Belarussja. Lukashenka ddeskriviha bħala "waħda mill-aktar intrapriżi industrijali importanti tal-pajjiż". Hija sors ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenka. OJSC MAZ offriet il-bini u t-tagħmir tagħha biex tiġi organizzata dimostrazzjoni politika favur ir-reġim. Għaldaqstant OJSC "MAZ" tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u qed tappoġġah. Il-ħaddiema ta' OJSC "MAZ" li ħadu sehem fl-istrajks u fil-protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet frawdolenti ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew intimidati u aktar tard mkeċċija mill-maniġment tal-kumpannija. Grupp ta' ħaddiema ġie msakkar ġewwa minn OJSC MAZ biex dawn ma jitħallewx jingħaqdu ma' dimostranti oħra. Għaldaqstant MAZ hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim Lukashenka.	21.6.2021
13.	Logex	ООО "ЛОГЕКС"	Indirizz: 24 Kommunisticheskaya Str., office 2, Minsk, Belarus Numru ta' reġistrazzjoni: 192695465 Sit web: http://logex.by/ Indirizz elettroniku: info@logex.by	Logex hija assoċjata ma' Aliaksandr Shakutsin, negozjant viċin tar-reġim ta' Lukashenka, li ġie elenkat mill-Unjoni Ewropea. Il-kumpannija hija involuta fl-esportazzjoni ta' fjuri lejn il-Federazzjoni Russja bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, li ma tkunx possibbli mingħajr il-kunsens tar-reġim, li jikkontrolla l-gwardji tal-fruntieri u d-dwana. Il-pożizzjoni privileġġata fis-settur tal-esportazzjoni tal-fjuri lejn ir-Russja, li minnha tibbenefika l-kumpannija, hija kundizzjonata fuq l-appoġġ tar-reġim. Il-forniturі Belarussi ewlenin ta' fjuri maqtugħa huma l-kumpanniji li għandhom rabta mill-qrib mat-tmexxija tar-repubblika. Għaldaqstant Logex qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021
14.	JSC "NNK" (Novaia naftavaia Kampania)/New Oil Company	Belarussu: ЗАТ "ННК" (Новая нафтавая кампанія) Russu: ЗАО "ННК" (Новая нефтяная компания)–	Indirizz: Rakovska str. 14W room 7, 5th floor, Minsk, Belarus Numru ta' reġistrazzjoni: 193402282	Novaya Neftnaya Kompaniya (NNK), New Oil Company, hija entità mwaqqfa f'Marzu 2020. Hija l-unika kumpannija privata intitolata li tesporta prodotti taż-żejt mill-Belarussja - indikazzjoni ta' rabtiet mill-qrib mal-awtoritajiet u l-oġħla livell ta' privileġġi tal-istat. NNK hija proprjetà ta' Interservice, kumpannija li tappartjeni lil Mikalai Varabei li huwa wieħed min-negozjanti ewlenin li jibbenefikaw mir-reġim ta' Lukashenka u li jappoġġawh. NNK huwa rrappurtat ukoll li huwa konness ma' Aliaksei Aleksin, negozjant prominenti ieħor Belarussu li jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka. Skont ir-rapporti tal-media Aleskin kien il-fundatur tal-NKK flimkien ma' Varabei. NNK intużat ukoll mill-awtoritajiet Belarussi biex jadattaw l-ekonomija tal-Belarussja għal miżuri restrittivi introdotti mill-UE. Għaldaqstant NNK qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021"